1 ta' Frar, 1951.

Imħallef :

L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Elena Bilocca *versus* Vincenza sive Nini Saliba

**Dikjarazzjonijiet — Azzjoni — Inġurja — Kompetenza.**

*Iċ-ċitazzjoni tista' ssir biex tingħata sempliċi dikjarazzjoni, u ma hemmx bżonn li tintalab dejjem kundanna. Imma min jistitwixxi l-azzjoni jrid bil-fors ikollu xi dritt li jkun qiegħed jiġi vjolat. U dan id-dritt, biex ikun jista' jiġi vantat u eżerċitat, hemm bżonn li jkun ta' natura ġuridika, u konsegwentement apprezzabili ċivilment.*

*Lanqas ma hija legali domanda fiċ-ċitazzjoni li, anki jekk tiġi milqugħa, ma tagħtix il-mezzi meħtieġa biex ikun jista' jiġi eżegwit il-ġudikat.*

*Għaldaqstant il-Qorti Ċivili ma hix kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' talba għal dikjarazzjoni li ċertu kliem li ntqal ma kienx minnu avvolja dak il-kliem ikun b'xi mod inġurjuż għal min jitlob dik id-dikjarazzjoni, meta dik id-dikjarazzjoni ma tirrivestix ir-rekwiżiti fuq imfissrin.*

Il-Qorti. — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi, premessa kwalunkwe neċessarja dikjarazzjoni u provvediment opportun, u premess illi, kif jiġi pruvat matul it-trattazzjoni tal-kawża, il-konvenuti qalu quddiem nies oħra illi Violet Saliba, bint Carmelo Saliba mill-ewwel żwieġ, tmur għand l-attriċi u għand il-familja tagħha għax Carmelo Saliba qiegħed jagħtiha l-flus; talbet illi jiġi dikjarat u deċiż illi l-attriċi u l-familja tagħha qatt ma ħadu flus f'ebda ammont minn għand Carmelo Saliba billi l-imsemmija Violet Saliba tmur għand l-attriċi u għand il-familja tagħha; bl-ispejjeż :

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti;

Illi l-attriċi fiċ-ċitazzjoni qiegħda titlob, fil-kontestazzjoni tal-konvenuti, id-dikjarazzjoni hemm indikata minħabba d-diskors li, kif tallega hija, il-konvenuti qalu. Ma hemmx du-

bju li dak id-diskors, jekk verament intqal, jista' jammonta f'termini ekwipollenti għal inġurja. Konsegwentement il-konvenuti qegħdin jeċċepixxu l-inkompetenza ta' din il-Qorti "ratione materiae", għaliex jippretendu li, fil-każ, l-azzjoni eżerċibili mill-attriċi hija ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali;

Ikkunsidrat;

Illi, kif tajjeb issottomettiet l-attriċi, iċ-ċitazzjoni tista' ssir biex tingħata sempliċement dikjarazzjoni, u ma hemmx bżonn bilfors li tintalab dejjem kundanna. "Non sono vietate le domande dirette ad ottenere una semplice dichiarazione dell'esistenza di un proprio diritto" (Kollez. Vol. V, 203; Vol. XVIII — I — 118). Dan juri li min jistitwixxi azzjoni jrid bilfors ikollu xi dritt. "L'azione civile non può essere promossa che per far valere un diritto, e da colui a cui il diritto spetti. Mancando l'uno o l'altro di questi requisiti, la azione è infondata ed inammissibile" (Coen, Azione Civile in genere, Vol. I, para. 1, n. 2). B'mod li "non può esservi azione ove manchi un diritto violato" (App. Firenze 30. 7. 1904, "Demanio vs. Orgolesi"). Dana d-dritt, però, biex ikun jista' jiġi vantat u eżerċitat f'ġudizzju ċivili, hemm bżonn li jkun ta' natura ġuridika, u konsegwentement "civilmente apprezzabile" (Kollez. Vol. XXVIII — II — 200);

Issa, l-attriċi mhijiex qegħda titlob dikjarazzjoni ta' l-eżistenza ta' xi dritt tagħha; u, kif ġà ntqal, id-diskors allegat li ngħad mill-konvenuti jista' jammonta għal inġurja, li biex tiġi konstatata mhijiex apprezzabili ċivilment. L-attriċi mhijiex qiegħda titlob xi rizarċiment ta' danni, jew xi dikjarazzjoni li timporta l-eżistenza ta' xi dritt tagħha; u jekk ukoll it-talba tagħha tiġi milqugħa, hija ma jkollhiex il-mezzi biex teżegwixxi l-ġudikat; u "è illegale la domanda di semplice dichiarazione che, se pure accolta, non darebbe i mezzi di poter eseguire il giudicato" (Kollez. Vol. X. 828);

Illi għalhekk l-eċċezzjoni sollevata tidher ġustifikata;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' l-eċċezzjoni fuq imsemmija, u hekk tiddikjara ruħha inkompetenti li tieħu konjizzjoni tal-kawża; bl-ispejjeż kontra l-attriċi.